# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 50/2014**

Il-Pulizija

(Sup. Martin Bayliss)

vs

**Carmel Vella**

iben Emanuel , imwieled Pieta', fit-23 ta' Lulju, 1957, detentur tal-karta tal-identita' numru 541157(M)

Illum 6 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmel Vella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar it-22 ta' Diċembru , 2013 u fil-jiem ta' qabel ġewwa għalqa li tinsab fll-limiti ta' Wied Għarbiel Selmun Mellieħa, bla ħsieb li jisraq iżda biss biex jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jezerċita xi dritt li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, fixkel lil James John Gouder fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ l-imsemmi

James John Gouder billi daħal fl-imsemmija għalqa u ħarat parti mill-imsemmija għalqa mingħajr il-kunsens tal-imsemmi James John Gouder.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamsin ewro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmel Vella minnu ppreżentat fit-13 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-appellanti minn l-akkuża dedotta kontra tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bid-dovut rispett, jidher li l-Ewwel Qorti jew ma' fehmet xejn mill-provi li ġew miġbura quddiemha jew inkella għar u cioe li l-istess ma' hijiex edotta mill-elementi rikjesti biex tinstab ħtija in kwantu l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-appellanti jgħidu b'dispjaċir peress li huwa assolutament qatt ma' seta jiġi misjub ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u wisq anqas huwa pjaċevoli li fuq akkużi u multi bħal dawn wieħed ikollu jieħu l-iżbriga li jwassal kawża hekk sa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi ibda biex irriżulta li l-esponenti kellu hu l-pusses tal-art in kontestazzjoni sa mis-sena 2000. Illi fuq il-punt biss l-Ewwel Qorti gia kellha tillibera;

Illi irriżulta ukoll li l-azzjoni tal-appellanti se mai kienet kompletament nieqsa minn indoli kriminali. Wieħed jittama li kull kwistjoni bħal din fejn persuna qala ftit ħaxix ħazin fuq porzjon art li hija kontestata, ma' ssirx kawża kriminali fuqha b'dak kollu li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża bħal din;

Illi ukoll rriżulta, li dak li l-kwerelanti qed iqis bħala qsami bejn ir-raba, sabiex b'hekk huwa wasal għall-ilment tiegħu, ma' huwa xejn għajr ħajt ossia ċint baxx u llum rampa li għamilha l-istess kwerelanti u għalhekk huwa ottuż kif l-Ewwel Qorti ħadet dan il-kejl bħala wieħed

korrett meta hija kull ma' kellha tagħmel kien li [1] tara jeżistix element penali f'dina l-kwistjoni u [2] sserraħ moħħha li la l-appellanti kellu l-pussess allura huwa ma' jistax jiġi misjub ħati tal-akkuża in kwistjoni;

Illi għalhekk ċertament li l-esponenti jikkontendi li fuq bażi ta' prinċipju huwa kellu jiġi lliberat minn l-akkuża dedotta kontra tiegħu;
Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 li jirrigwarda l-eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet.

Illi kif diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma erbgħa kif ben ikkwotat mill-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

1) Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor;
2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt;
3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u
4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara . App. Krim. 'Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia 17.02.1995, App. Krim. Il-Pulizija vs Spiro Bartolo 9.01.2006, il-Pulizija vs Reno Micallef 6.06.1995 u oħrajn)

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati **PS 1300** a fol 4 jgħid li kien mar jirrapurtalu James John Gouder li kien daħal fl-għalqa tiegħu Carmel Vella. Meta PS 1300 kellem lil Carmel Vella dan tal-aħħar qallu li daħal fl-għalqa biex jeqred il-ħaxix ħażin sabiex iż-żerriegħa ma ttirx

pero' żied ukoll li dik l-għalqa hija tiegħu u mhux ta' James John Gouder. Is-surġent kompla jgħid li din il-biċċa art żgħira li daħal fiha Carmel Vella hija kontesa bejn il-partijiet għax hemm problema ta' demarkazzjoni. Din l-art qegħda bi qbiela u hemm xi porblema mal-Lands Department.

Il-**kwerelant James John Gouder** fix-xhieda tiegħu preżenta tlett dokumenti, 'pjanta', ritratt tal-parti in kwistjoni u dokument maħruġ mill-ministeru għar-riżorsi u l-affarijiet rurali. Huwa spejga li wara xi sitt ġimgħat li kien ilu ma jersaq lejn l-għalqa sab li kien hemm parti mill-għalqa tiegħu li kienet ġiet maħruta.u li peress il-ħamrija tiġi ratba, t-tractor tiegħu jispiċċa jagħqqad fil-vojt u jkun ser jinqaleb lura bih u għaldaqstant dan lilu qed joħloqlu inkonvenjent.

**L-appellant** fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti qal li hemm disgwid għal din il-biċċa art u li daħal fuq din il-biċċa art li hemm il-problemi fuqha biex idawwar. Hu qal li kien ilu jaħdem ġo din ir-raba' qabel is-sena 2000. L-uffiċjali tal-Lands kienu marru fuq il-post iżda qatt m'għamlu s-sinjali uffiċjali mal-art biex issir id-demarkazzjoni. Inoltre, huwa qal li hija tiegħu.

Ir-reat ta' ragion fattasi tapplika wkoll f' każ ta' kiri. Dan huwa każ ta' qbiela u għalhekk l-Artikolu 85 tal-Kap 9 japplika wkoll.

Il-problema f'dan il-każ huwa ta' fejn hemm linja bejn iż-żewġ għelieqi. Jidher li qatt ma saret il-linja li tifred għalqa minn oħra. Kull wieħed miż-żewġ partijiet isostnu li l-parti qisha nofs tond hija mqabbla lilu.

Il-kwerelant ippreżenta dokument iżda xorta ma jurix biċ-ċar biżżejjed sa fejn kull art hija mqabbla. Għalhekk il-Qorti ma għandhiex ċar quddiemha d-diviżjoni bejn il-partijiet. Il-fatt li jidher nofs tond mhux bilfors li jwassal għall-konklużjoni li l-art hija mqabbla lill-kwerelant għaliex wieħed ma jistax jgħid kif kienet imqassma l-art fil-passat.

Il-Profs Mamo f'dan ir-rigward kien qal is-segwenti :

*‘The material element consists , as we have said, in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent.’*

*Moreover, another rule commonly accepted is that no offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others’.*

Għalhekk peress li mhuwiex ċar ta’ min hi dik il-biċċa art l-appellant ma jistax jinstab ħati taħt l-Artikolu 85 tal-Kap 9.

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ Carmel Vella u tħassar u tirrevoka s-sentenza u tilliberah minn kull htija u piena.